Maltese / Malti

REFERENDUM **2023**

**IĊĊEKKJA S-SORS**
fir-referendum li ġej

# Ieqaf u ikkonsidra

Waqt ir-referendum tista' tiltaqa' ma' informazzjoni li ma tkunx issapportjata b'evidenza, li tittieħed barra l-kuntest oriġinali tagħha jew li saħansitra tkun intenzjonalment qarrieqa. Biex tkun infurmat/a sewwa, aħseb b'mod kritiku meta tasallek informazzjoni u aħseb jekk l-informazzjoni hijiex eżatta u vera.

## Tattiċi ta' miżinformazzjoni

Miżinformazzjoni hija meta tingħata informazzjoni falza iddisinjata biex tqarraq intenzjonalment u biex tinfluwenza l-opinjoni pubblika, u l-miżinformazzjoni ma tinxteridx waħedha. Persuni li qed jippruvaw jiċċirkolaw miżinformazzjoni jistgħu jużaw xi wħud mit-tattiċi li ġejjin biex intenzjonalment jippruvaw iqarrqu bik:

**Li jsaqsu mistoqsijiet**
Persuni jistgħu intenzjonalment isaqsu mistoqsijiet biex jitfgħu dubju fuq xi ħaġa mingħajr ma jipprovdu evidenza. Minkejja li l-maġġoranza tal-mistoqsijiet li jsiru huma leġittimi, oqgħod attent/a għall-mistoqsijiet li jsiru bi ħsieb ħażin jew dwar sitwazzjonijiet improbabbli. Ieqaf u ikkonsidra għaliex qed issir il-mistoqsija.

**Kliem emozzjonali**
Kliem qawwija li jevoka emozzjonijiet negattivi bħal rabja jew biża' jista' jagħmilha aktar faċli biex il-kontenut jixtered malajr fuq l-internet. Jekk tara xi ħaġa li taffettwak b'mod emozzjonali qawwi, ieqaf u ikkonsidra għaliex qed tħossok hekk.

**Informazzjoni selettiva barra l-kuntest oriġinali tagħha**
Dan iseħħ meta l-informazzjoni tingħata mingħajr kuntest, bħal screenshots jew statistika mingħajr referenza għas-sors oriġinali.

## Ir-rwol tiegħek bħala votant

Il-liġijiet tar-referendum ma jirregolawx il-verità fil-kommunikazzjoni u fir-reklamar. Hu l-ħin biex tikkunsidra jekk l-informazzjoni hijiex:

**Ta' min joqgħod fuqha**

**Ġejja minn sors ta' min joqgħod fuqu jew sors li tista' tagħraf?**
Taf is-sors tal-informazzjoni? Ġie minn mezzi tax-xandir akkreditati jew kont tal-midja soċjali uffiċjali? Jekk m'intix ċert/a, iċċekkja jekk il-kont inħoloqx riċentament, jew jekk għandux posts oħrajn.

**Kurrenti**

**Meta ġie pubblikat?**
Għalkemm post/artiklu ġie ixxerjat illum ma jfissirx li hu kurrenti. Dejjem iċċekkja s-sors oriġinali u d-data tal-pubblikazzjoni. Posts/artikli qodma li forsi m'għadhomx korretti jistgħu jkunu ixxerjati biex jidhru li qishom informazzjoni ġdida.

## Ir-rwol tal-AEC

L-AEC hija aġenzija independenti inkarigata bit-tmexxija tar-referendum. Ir-rwol tal-AEC huwa li:

**Tipprovdi informazzjoni ta' min joqgħod fuqha fuq il-proċess tar-referendum**
L-AEC ser tipprovdi aċċess faċli għal informazzjoni dwar kif tirreġistra jew tivvota permezz tal-kampanja ta' reklamar, tal-websajt, taċ-ċentru ta' kuntatt u tal-kontijiet tal-midja soċjali tagħna. Jekk hemm xi informazzjoni żbaljata dwar dawn il-proċessi, l-AEC ser taġixxi biex tikkoreġi r-rekord. Lil hinn minn dawn il-proċessi – l-AEC m'għandha l-ebda rwol fl-iċċekkjar tal-verità tal-komunikazzjoni tar-referendum.

**Tinvestiga l-awtorizzazzjoni tal-komunikazzjonijiet tar-referendum**
Ċerti komunikazzjonijiet tar-referendum iridu jkunu awtorizzati biex jgħinuk tkun taf is-sors ta' dik l-informazzjoni.

**Materjal tal-kampanja 'Yes' (Iva) u 'No' (Le)**
Minkejja li l-AEC hija responsabbli għall-ħruġ tal-fuljett tar-referendum, li ser ikollu informazzjoni mill-kampanji uffiċjali 'Yes' u 'No', l-AEC m'għandhiex rwol biex tirregola l-verità ta' dawn il-komunikazzjonijiet.